# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 209 – Il-Tnejn 27 ta' Lulju, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 208 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

# PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

## Id-*Day Care Centre*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien għamel kuntatt mal-HSBC, il-BOV, u l-APS Bank. It-tlieta li huma staqsew dwar is-sigurtà tal-*loan*. Huwa kompla jgħid li meta jkollna direzzjoni ċara dwar din il-materja ikun jista' jerġa' jagħmel kuntatt magħhom.

## *Ground* tal-*Football*

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien għadu qed jistenna mingħand is-*Siggiewi Fottoball Club* l-ispiża totali tal-proġett.

## Monument Patri Ġużè Delia sj

Il-Viċi-Sindku qal li ġie deċiż li jinbidel id-disinn tal-pedestall u b'hekk se ssir talba lill-Mepa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jistenna l-istima tax-xogħolijiet mingħand Agius Marbles Works.

## Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet tlestew kif ippjanati u s-somma totali hija ta' €184,172.31.

Il-Kunsillier Nikol Cassar għamel rimarka dwar il-parti tal-bankina fil-bidu ta' din it-triq biswit Triq l-Imqabba fejn jinġabar ammont kbir ta' ilma. Huwa tal-fehma li għandha tinqata' parti mill-bankina u jitpoġġa sprall. Barra minnhekk, il-mod kif inhu magħhmul l-isprall preżenti joħloq inkonvenjent lil min jgħaddi minn fuqu.

Is-Sindku qal li jifhem li kif ġiet *resurfaced* it-triq, is-sitwazzjoni fil-qlib tal-ilma għandha titjieb, però issuġġerixxa li nistennew l-ewwel xita biex naraw l-eżitu ta' din id-diffikultà, u nieħdu deċiżjoni aktar tard.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka dwar is-sinjali tat-traffiku u staqsu jekk il-*line* abjad tan-nofs għandux isir kontinwu jew maqtugħ. Is-Sindku qal li għandu jintalab il-parir tal-perit tal-Kunsill.

## Skema attivitajiet sportivi

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isports u l-Iskola Primarja Siġġiewi se jsiru żewġ klassijiet tal-*aeorobics* li se jibdew f'Ottubru li ġej, kif ukoll attivitajiet sportivi għal 100 tifel u tifla wara l-ħin tal-iskola darbtejn fil-ġimgħa.

## Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt kulturali (miżura 323)

Is-Segretarju qal li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex tweġiba dwar din it-talba.

## Ħlasijiet ta' attivitajiet self-financing

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont ir-regolamenti finanzjarji kull pagament, anki jekk dan jirrigwardja attività li hija *self-financed*, qabel jitħallas irid jidher fl-iskeda tal-pagamenti u qabel isir irid jiġi approvat mill-Kunsill.

Dan kien ikkonfermat lilu mis-sur Silvio Frendo tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali.

## Riżoluzzjoni dwar użu tal-Fondi tal-UIF

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li li l-Bord tal-UIF tal-MEPA kien approva t-talba tal-Kunsill u b'hekk jista' jingħata bidu għat-twaħħil tal-40 fanal dekorattiv f'diversi toroq tal-*village core.* Huwa kompla jgħid li l-lampi li hemm preżenti se nżommuhom biex fil-futur jintużaw skont il-bżonn.

## Skema *Energy Saving*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ħejja t-*tender document* bil-għajnuna tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Ħal Qormi, liema tender ġie ippublikat skont il-prassi normali.

## Ħruġ ta' tenders tal-Waste Collection u l-Knis tat-toroq

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li waqt li kien ippublika l-ħruġ tal-imsemmija tenders, huwa kien irċieva direttiva mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex dawn jitwaqqfu. Dan minħabba li l-valur tagħhom is-somma ta' €133,000 fuq medda ta' erba' snin u għalhekk iridu jidġu ippublikati wkoll fil-European Journal.

Huwa kompla jgħid li sakemm jerġgħu joħorġu dawn it-tenders, il-kuntratti preżenti qed jiġġeddu minn xahar għal xahar bl-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali.

## Festival tal-Inbid

Is-Segretarju qal li mhux mistenni lil-ispiża taqbez it-€1,000.
Is-Sindku ippropona li din is-somma għandha tiġi ivvutata kif ukoll il-Kunsillier Sammut jipproċedi bil-proġett.

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Bankina fi Triq Dun Anton Vella

Is-Segretarju qal li kien għada ma saritx l-istima tax-xogħolijiet. Dan minħabba li kien se joħroġġ kuntratt ġdid u allura dan irid isir minn min jirbaħ din it-tender.

Il-Viċi-Sindku qal li għandha ssir evalwazzjoni ta' fejn l-aktar li hemm ħtieġa ta' tiswijiet ta' bankina biex b'hekk ikollna stampa ċara tal-ħtiġijiet għal dan ir-rigward.

Il-Kunsill Jesmond Tanti issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## FINANZI

### Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.
Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:

Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## MOZZJONIJIET

### Mozzjoni dwar it-Tindif tal-Irdumijiet

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ressaq mozzjoni dwar it-Tindif tal-Irdumijiet magħrufin bħala ta' Ħad Dingli.

**"Il-Kunsill imlaqqa' llum it-Tnejn 27 ta' Lulju jirriżolvi li flimkien mal-Kunsill ta' Ħad-Dingli jagħmel talba lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex jallokka somma mill-Fond għall-Ħtiġijiet Speċjali li tkopri t-tindif u t-tisbiħ tal-Irdumijiet magħrufin bħala ta' Ħad-Dingl, liema irdumijiet jinsabu fil-Lokalità tas-Siġġiewi u ta' Ħad-Dingli. It-talba għal dan il-għan għandha tkopri l-ispejjeż ta' tindif u tisbiħ fuq rapport imħejjit u mħallas mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu".**

Is-Sindku qal li fid-dawl tar-relazzjoni tajba li teżisti bejn iż-żewġ kunsilli u l-benefiċċju li jitgawda jekk kemm-il darba jsir dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## Mozzjoni dwar Propjetà 18, Triq Pjazza San Nikola

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ippropona mozzjoni dwar din l-imsemmija propjetà.

"Billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi ilu sa mit-twaqqif tiegħu jinsisti sabiex fil-lokalità tas-Siġġiewi jitwaqqaf *Day Care Centre* għall-anzjani;

"U billi l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi huma għal kollox inaċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u għall-persuni anzjani u dan peress li l-aċċess għall-pjan terran huwa mxekkel bil-preżenza ta' numru ta' turġien filwaqt li l-aċċess għall-bqija tal-bini – inkluż is-sala fejn isiru s-seduti tal-Kunsill Lokali –huwa mxekkel minn taraġ ta' sular u nofs;

"U billi l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi illum saru żgħar wisq u l-istess Kunsill Lokali Siġġiewi qed ikollu diffikultajiet biex jopera b'mod xieraq sabiex jaqdi l-bżonnijiet tal-lokalità u tar-residenti;

"U billi l-Gvern Ċentrali huwa l-proprjetarju tal-bini bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi, liema bini fil-passat kien magħruf bħala Ċentru Ċiviku jew l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi u li jinsab biswit l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi iżda li fil-preżent huwa okkupat minn terzi persuni b'titolu ta' kera;

"U billi l-kirja tal-imsemmija proprjeta f'numru 18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi ser tiġi fi tmiemha f'Ġunju tas-sena 2010 u għaldaqstant l-istess proprjeta ser tkun vojta;

"U billi l-imsemmija proprjeta f'numru 18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi hija ferm adatta għall-ħtiġijiet tal-Kunsill Lokali Siġġiewi inkluż sabiex minnu jibda jopera *Day Care Centre* għall-anzjani u jiġu offruti diversi servizzi oħra għall-komunità;

"U billi huwa ġust u xieraq li wara snin twal ta' użu minn terzi persuni, l-imsemmija proprjetà pubblika tibda tassew tintuża għal skop pubbliku;

**"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 27 ta' Lulju 2009,**

**"Jirriżolvi li minnufih jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex fl-iqsar żmien possibbli l-proprjetà bin-numru 18 fi Pjazza San Nikola, Siġġiewi tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li fost oħrajn l-istess proprjeta tibda sservi bħala l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u bħala Day Care Centre għall-anzjani.**

**"Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, lis-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubbliċi u Artijiet Dr Jason Azzopardi u lid-Direttur għal Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard. Kopja ta' din il-mozzjoni għandha wkoll minnufih tintbagħat lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir, titwaħħal man-*notice board* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi, titqassam bieb bieb lir-residenti kollha tas-Siġġiewi u tiġi ippubblikata fl-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.**

Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo.

Wara li inqrat il-mozzjoni, is-Sindku stieden lill-pronenet biex jagħmel l-introduzzjoni għad-diskussjoni.

Dr Aquilina beda biex qal li bħala Kunsill ilna s-snin nippruvaw nidentifikaw propjetà li fiha jista' jiġi offrut servizz ta' *day care centre għall-anjzani*. Kien hemm diversi *options* li s'issa l-ebda waħda minnhom ma twettqet saret realtà u allura hemm din *l-option* li jidhirlu li hija fattibbli, f'post ċentrali li jista' jiġi utilizzat bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u wisq aktar bħala *Day Care Centre għall-anzjani*.

Huwa kompla jgħid li irrespettivament għal min qed jokkupa din il-propjetà llum, il-fatt jibqa' wieħed: li din hija propjetà pubblika u li kienet inxtrat mill-Gvern bl-iskop speċifiku li sservi bħala ċentru ċiviku. Għal numru ta' snin f'din il-propjetà kien qed jingħata servizz pubbliku bħal ma huma servizz ta' Berġa, Dipartiment tal-Posta, Għassa tal-Pulizija, u numru ta' entitajiet pubbliċi oħra. Il-Viċi Sindku qal li għal ġenerazzjoni sħiħa, din il-proprjetà pubblika tgawdiet minn partit politiku minflok minn kulħadd.

Wara bidla fil-Gvern fl-1971, dan iċ-ċentru pubbliku beda jiġi żmantellat sakemm lejliet l-elezzjoni ġenerali tal-1981 ingħata b'titolu ta' kera lil partit politiku. Jgħaddu s-snin u parti oħra minn din il-propjetà pubblika reġgħet ingħatat lill-istess partit politiku u fl-1987 din il-propjetà ingħatat lill-istess partit politiku għal 24 sena sħaħ.

Dr Aquilina qal: "Jidhirli li wasal iż-żmien li din tassew tibda tintuża mill-pubbliku, iġifieri l-Gvern Lokali jibda joffri servizz lil kulħadd minn dan il-post, irrispettivament mill-kulur politiku tiegħu".

Il-Viċi Sindku qal "Nappella li madwar din il-mejda nilbsu kappell wieħed biss, dak ta' persuni eletti li nirrappreżentaw lis-Siġġiwin kollha u allura rridu niddeċiedu fl-aħjar interess tas-Siġġiwin kollha".

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li din il-mozzjoni hija waħda prematura peress li l-Kumitat Laburista tas-Siġġiewi għamel talba għall-estensjoni tal-kiri tal-post. Nikol Cassar qal li għalhekk iħoss li mhux ġust li filwaqt li din it-talba qed tiġi ikkunisidrata titressaq mozzjoni li jista' jkollha effett fuq it-talba tal-estensjoni.

Huwa għalhekk talab lill-Viċi-Sindku biex din il-mozzjoni tiġi rtirata fl-interess tal-Kunsill u taċ-ċittadini Siġġiwin. Dan għaliex, skont il-Kunsillier Cassar,  se toħloq ferment sħiħ fil-lokalità tagħna. F'dan l-istadju l-Kunsillir Nikol Cassar ippreżenta lill-Kunsill Lokali kopja ta' ittra li l-Kumitat Laburista tas-Siġġiewi bagħat lill-Gvern sabiex tiġġeded il-kera tal-Każin Laburista tas-Siġġiewi f'numru 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi. Kopja tal-ittra tinsab mehmuż ma' dawn il-minuti.

Il-Viċi Sindku stqarr li mhux ser jirtira l-mozzjoni.

Huwa kompla jgħid li ladarba l-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina ma jkunx lest jirtira din il-mozzjoni, huwa kien lest li jwieġeb għal ħafna ineżattezzi li fiha din il-mozzjoni, u aktar minn hekk hija waħda li tiżgwida u ma tagħtix stampa ċari tal-fatti.

Huwa qal li fl-ebda parti m'hemm imsemmi l-isem tal-Każin Laburista tas-Siġġiewi, iżda minflok qed jidher bħala "18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi", kif ukoll jirreferi għaliha bħala li huwa "okkupat minn terzi persuni".

Nikol Cassar qal li t-terzi persuni huma l-kumitat Laburista u dawk kollha li huma membri tal-PL li joqgħodu fis-Siġġiewi.

Il-proponent, kompla jgħid il-Kunsillier Cassar, semma li l-kirja tal-propjetà tiġi fi tmiemha f'Ġunju 2010 u għaldaqstant l-istess propjetà se tkun vojta.

"Jista' jipprovalna issa li se tkun vojta, għax hawnhekk jiena poġġejt fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja ta' talba li saret mill-kumitat lokali Laburista Siġġiewi, bir-referenza numru 74487, biex il-kirja tal-post tiġi estiża għal tul ta' żmien ieħor skond il-massimu li tippermetti l-liġi?" staqsa l-Kunsillier Cassar.

Il-Viċi Sindku offra li jirrispondi minnufih għall-mistoqsija ta' Nikol Cassar iżda intlaħaq qbil li huwa kien ser jirrispondi għall-mistqosijiet kollha fl-aħħar intervent tiegħu.

Skond Cassar din il-mozzjoni mhux biss hija prematura, iżda, "irridu nkunu nafu minn fejn ġiet l-informazzjoni għaliex konvint li dan qed issir bi ksur ċar tad-*Data Protection Act*. Jekk jogħġbu Karol Aquilina għandu jagħti rendikont minn fejn ġab din l-informazzjoni peress li l-*file* tad-Dipartiment tal-Artijiet mhux disponibbli għal terzi. F'dan is-sens aħna lanqas irridu nkunu kompliċi fil-ksur tad-*Data Protection* li jġib miegħu konsegwenzi gravi ħafna għal min jikser dan l-Att..

"Il-mozzjoni tgħid ukoll li hu ġust u xieraq li wara snin twal ta' użu minn 'terzi persuni' tibda tintuża għal skop pubbliku. Ma kellux il-kuraġġ jgħid li l-propjetà pubblika kienet u għada tintuża għal skop pubbliku. Qisu fil-preżent il-Laburisti Siġġiwin mhumiex parti mill-pubbliku, u allura bħalma kieku ġiet mozzjoni bil-kuntrarju, nofs il-popolazzjoni tas-Siġġiwin qed tiġi insultata."

Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li t-tliet kunsilliera Laburisti, daqs u aktar mill-Viċi-Sindku jixtiequ li fis-Siġġiewi jkun hawn *Day Care Centre* u Uffiċċju diċenti għall-Kunsill Lokali. "Nistagħġeb x'memorja fqira għandhom meta fl-aħħar seduta tal-Kunsill, diġa' kienu bdew isiru l-arranġamenti kollha mal-bank biex jinxtara post għal dan l-iskop. Għalhekk, ikollna naslu f'konklużjoni li d-*Day Care Centre* qed jintuża bi skop li tinfħoloq firda partiġġjana."

Il-Kunsillier Cassar ġibed l-attenzjoni li fl-2007, qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, kienu saru l-pjanti ta' kif se jsir *Day Care Centre* u ċentru għall-Kunsill Lokali fi Triq Dr Nikola Zammit. "Għalhekk nitlob lill-proponent u sekondant li f'ġieħ l-għaqda li dejjem irrenjat fis-Siġġiewi jirtiraw il-mozzjoni għaliex żgur se toħloq firda kbira, u li wara li tkun bdiet, diffiċli terġa' ġġib l-għaqda.

"Irrid nuri u npoġġi fuq il-mejda fuljett li ippreżentaw qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2007 li fih assigurawna, kemm is-sindku u min issekondaha li dan il-proġett se jitwettaq.

"Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu qiegħed nipproponi li din il-mozzjoni tiġi irtirata. Fin-nuqqas, nitlob lis-Sindku jipposponi d-diskussoni dwarha sabiex jittieħed parir legali dwar il-legalità tagħha, fost oħrajn li jidher li se jinkiser id-*Data Protection Act.*

F'dan l-istadju is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Cassar dwar id-data tal-ittra mibgħuta minnu bħala President tal-Każin tal-PL għat-talba tal-estensjoni, billi din ma tidhirx fl-ittra.

Il-Kunsillier Cassar wieġeb li din intbgħatet 7 xhur ilu.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li bħala kunsill dejjem kien hemm ftehim u irsistejna flimkien favur id-*Day Care Centre* u appella għall-koperazzjoni u "mhux għandna dar tippruvaw tkissruhielna". Rigward l-anzjani huwa kompla jgħid li "dejjem ġbidna l-attenzjoni biex l-Għassa tal-Pulizija tkun dejjem miftuħa. Ħadna interess fiha din il-materja? Fis-Siġġiewi wkoll hawn ħafna bankini mhux fi stat tajjeb u joffru periklu l-aktar lill-anzjani.".

Il-Kunsilliera Rita Psaila staqsiet lil Karol Aquilina kif ġab l-informazzjoni dwar l-iskadenza tal-kera li se sseħħ fil-21 ta' Ġunju 2010.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo qal li l-Gvern se jkollu għażla bejn jekk tiġeddidx il-kera lill-Każin tal-PL jew li dan il-lok jintuża bħala Ċentru Ċiviku li jinkludi d-*Day Centre*. Bħala *Day Care Centre* dejjem kien hawn consensus. Ippruvajna nsibu divesi siti. Qabel l-2007 kien hemm applikazzjoni li dwarha s'issa għadu ma sar xejn.

Il-Kunsillier Joe Sammut qal li jaqbel mal-mozzjoni u stqarr li l-Gvern issa ser ikollu għażla bejn dak li għandu bżonn il-Kunsill u t-talba li ressaq il-Kumitat Laburista tas-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku qal li ma jsibx diffikultà li s-seduta tiġi sospiża biex il-pubbliku preżenti jitkellem dwar din il-materja. F'dan l-stadju is-Sinku issospenda s-seduta biex il-pubbliku preżenti jkun jista' jgħaddi l-kummenti tiegħu.

Meta tkompliet is-seduta, il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina qal li l-propjetà in kwistjoni hija pubblika u allura kull min jidhirlu li dik il-propjetà jista' jsir użu aħjar minnha għandu dritt li jitkellem u "aħna li għandna kariga pubblika għandna l-obbligu li nitkellmu".

Il-Viċi Sindku ċaħad li huwa kiser id-Data Protection Act u kompla jgħid li s-sors tiegħu dwar id-data tat-tmiem tal-kera huwa membru attiv tal-Partit Laburista u l-konferma ta' dak li hemm fil-mozzjoni għadu kif tah il-Kunsillier Nicholas Cassar fl-ittra li għadu kif ippreżenta.

Il-Kunsillier Cassar qal li l-ittra in kwistjoni kienet għadha kif tpoġġiet fuq il-mejda waqt is-seduta u mhux sitt ijiem qabel, iġifieri meta tressqet il-mozzjoni.

F'dan l-istadju kien hemm diversi interruzzjonijiet mill-pubbliku preżenti u mill-Kunsilliera l-oħra.

Dr Karol Aquilina kompla jgħid, "Jien għażilt li ma nsemmiex lill-PL għax l-iskop tiegħi mhuwiex dirett lejn il-PL. Il-propjetà hija pubblika u min qed jużaha bħalissa ma tagħmilx differenza".

Rigward Il-proġett ta' Triq Dr Nikola Zammit huwa fakkar li dan hu tal-Awtorità tad-Djar u mhux tal-Kunsill, "u dwar dan konna iddiskutejna numru ta' seduti ilu".

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa jekk il-Gvern hux lest li jikkonċedi parti żgħira mill-art li hemm Dr Nikola Zammit biex isir *Day Care Centre.* Huwa appella biex ma titkissirx l-għaqda li hawn fis-Siġġiewi.

Dr Karol Aquilina qal li dak li qed tipproponi l-mozzjoni huwa dwar l-għażla li għandu l-Gvern quddiemu, jekk iġeddidx il-kera lill-PL jew tgħaddi lill-Kunsill Lokali biex tassew tintuża għal skop pubbliku.

Is-Sindku qal li rigward il-kwistjoni tad-Data Protection, hemm fora oħrajn fil-pajjiż li jistgħu jinvestigaw din il-materja imma m'għandux jippreġudika l-eżitu ta' din il-mozzjoni.

Il-Kunsilliera Rita Psaila saħqet li l-Kunsilliera Laburisti se jivvutaw kontra din il-mozzjoni mhux għax huma kontra d-Day Care Centre.

F'dan l-istadju is-Sindku stieden li ssir il-votazzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'erba' (4) voti favur u tliet (3) voti kontra.

Il-Viċi Sindku talab li jintiżżlu l-ismijiet ta' min ivvota favur u min ivvota kontra l-mozzjoni.

Favur il-mozzjoni: 4 (Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci, il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina, il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo, u l-Kunsillier Joe Sammut.

Kontra: 3 (Il-Kunsillier Nicholas Cassar, il-Kunsilliera Rita Psaila, il-Kunsillier Jesmond Tanti).

F'dan l-istadju l-Viċi Sindku staqsa min huma l-persuni li ffirmaw l-ittra li l-Kumitat Laburista tas-Siġġiewi bagħat lid-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġġedded il-kera tal-Każin Laburista tas-Siġġiewi. Il-Kunsilliera Nicholas Cassar qal li l-ittra ġiet iffirmata mis-Segretarju tal-Kumitat Laburista tas-Siġġiewi Dominic Grech u minnu personalment bħala President tal-istess Kumitat Laburista tas-Siġġiewi.

## PA 7823/06 Construction of 17 Dairy Cattle Farms and Manure Clamp at Siggiewi

Is-Sindku qal li billi hu bħala Perit għandu żewġ applikazzjonijiet fil-qrib ta' dan is-sit qal li kien se jastjeni mid-diskussjoni dwar din il-materja.

B'riżultat ta' dan huwa ħareġ mis-sala u l-laqgħa tkompliet taħt it-tmexxija tal-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina.

Il-Viċi-Sindku qal li jidher li inbidel il-qjies kif ukoll il-post minn dak oriġinali. Huwa qal li fil-prinċipju hu għadu mħasseb dwar il-proġett imma wieħed irid jara ftit il-bidliet li seħħew minn dak oriġinali.

Hu ippropona li l-Perit tal-Kunsill għandu jikkomunika mal-MEPA biex ikollna aktar dettalji biex issir analażi kif ukoll niktbu lill-MEPA u nirriżervaw id-dritt li nagħmlu r-rappreżentazzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Diskussjoni dwar il-Festa ta' San Nikola 2009

F'dan l-istadju, is-Sindku reġa' daħal fis-sala u beda jmexxi mill-ġdid is-seduta.
Rigward din il-materja huwa ippropona li din tiġi diskussa f'seduta oħra.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Sitwazzjoni taz-zona li fiha jinsabu Triq Pawlu VI, Triq l-Għid u Triq Ramija

Il-Viċi-Sindku qal li minħabba l-proġett ta' kostruzzjoni li qed isir f'din iz-zona, ir-residenti qed jilmentaw dwar ammont kbir ta' trabijiet li qed jamenixxi minnu.

Is-Sindku qal li l-MEPA kienet esiġiet li f'dan il-proġett tiġi salvagwardjata l-materja prima. Madankollu għandhom jitħarsu l-obbligi favur ir-residenti.

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jikteb lill-MEPA u jesiġi li l-operat ta' din iz-zona jsir skont il-kundizzjonijiet maħruġa minnha biex ma jkunx hemm detrimenti ambjentali u tiġi protetta s-saħħa tar-residenti.

Is-Sindku issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Talba tal-Kunsill Lokali Dingli rigward Għar il-Kbir

Il-Viċi-Sindku qali għandu jħejji pożizzjoni li għandu jieħu l-Kunsill dwar din il-materja, u tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

# KORRISPONDENZA

## Petizzjoni minn residenti ta' Triq Ġdida fi Triq Angelo Dorini

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kinet wasslet petizzjoni mir-residenti u propjetarji ta' din l-imsemmija triq fejn qed jitolbu id-dawl f'din it-triq kif ukoll titranġa l-ħsara fit-triq u ssir il-bankina.

Is-Segretarju qal li aktar minn sitt xhur kien żar is-sit flimkien mal-Inġinier Chris Bonnici u qal li l-Enemalta qed tesiġi li jgħaddi cable u dan iwassal għal spiża konsiderevoli.

Huwa kompla jgħid li jinsab infurmat mill-ADT li l-bini ta' din it-triq huwa prijorità għal din l-Awtorità u x-xogħol mistennija jibda hekk kif jingħata l-kuntratt.

Huwa kompla jgħid li talab lill-ADT biex temporanjament jitpoġġew bollards quddiem il-barriera biex jonqos il-periklu.

Is-Sindku ippropona li għandu jerġa' jsir kuntatt mal-Enemalta fuq il-materja.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Salvu Curso u Triq id-Difa

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva diversi ilmenti dwar inċidenti tat-traffiku li seħħew f'din iz-zona.

Huwa qal li l-Perit David Vassallo issuġġerixxa mod ġdid ta' arranġament tat-traffiku, liema arranġamenti qed ikunu annessi. Dawn isiru bi prova għal tliet xhur, jintalbu l-kummenti tan-nies permezz ta' ittra lin-nies taz-zona u titpoġġa fuq il-gazzetta tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu dan is-suġġeriment.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Talba għal road humps fi Triq il-Kbira

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra mit-Traffic Management Unit tal-ADT dwar applikazzjoni ta' żewġ road hump fi Triq il-Kbira. It-TMU qed jirrakkomanda li dawn ir-road humps jiġu stallati.

Is-Sindku ippropona li ma nkomplux inżidu aktar road humps.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Triq biswit is-Salib tal-Għolja

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li t-Triq li tieħu għal ħdejn is-Salib tal-Għolja jidher li qed iċċedi. Is-Sindku qal li għandu jsir rapport minn Perit.

## Mirja fi Triq tal-Imqabba u Triq Dr Nikola Zammit

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li jitwaħħlu żewġ mirja ġodda f'dawn l-imsemmija toroq.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# Kuntratti:

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ippublika diversi kuntratti u kellha toħroġ is-sejħa tagħhom.

Barra minn dawn iridu joħorġu wkoll it-tender tal-patching u u t-tender tas-supply, delivery and installation of a grid connected photovoltaic system.

Is-Sindku ippropona li dawn għandhom jinħarġu.
Il-Kunsillier Joe Sammut isskeonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Traffic Signs & Markings  LCS 32/09

Il-Kunsill ikkunsidra li kellu żewġ offerti.
Is-Sindku ippropona li t-tender tingħata lil Kptasin fuq bażi tal-orħos offerta.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Printing of periodical LCS 34/09

Il-Kunsill ikkunsidra li kellu tliet offerti.
Is-Sindku ippropona li t-*tender* tingħata lil Salander fuq bażi tal-orħos offerta.

## Collection of Bulky refuse

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-*tender* kellha toħroġ minħabba li l-ġbir tal-iskart domestiku ma jkoprix aktar il-ġbir tal-iskart goff, u għalhekk dan irid isir b'mod separat.

Il-Kunsill ikkunsidra li kellu erba' offerti. Skont id-dokument tat-*tender*, il-prezz kellu jkun kull Kollezzjoni mingħajr speċifikazzjoni tal-ammont f'kull kollezzjoni.

Is-Sindku qal li waħda mill-offerti, l-irħas waħda, kienet qed tagħmel kundizzjoni li kull kollezzjoni jkollha biss erba' items. Hu ippropona li din tiġi eskluża u tingħata lill-irħis offerta li kien imiss u li kienet dik ta' Xuereb Brothers.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.

Il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## Planting and cleaning of rounabouts, traffic islands and other public spaces LCS 30/09

Il-Kunsill ikkunsidra li kellu erba' (4) offerti.
Is-Sindku ippropona li tingħata lil Jonathan Callus obo Callus Landscaping fuq bażi tal-irħas offerta.

## Provision of Street Lighting Installation and Maintenance Services LCS 33/09

Is-Sindku qal li kienet daħlet offerta waħda, dik ta' Nexos Street Lighting u ippropona li din għandha tiġi aċċettata.

Il-Kunsill Dr Mark A Vassallo issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## Construction of Pavements LCS 31/09

Il-Kunsill ikkunsidra li kien irċieva 6 offerti.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fit-tender document ta' Vella Group ma kienx hemm sottomessa l-garanzija.

Is-Sindku ippropona li din tiġi eskluża u tingħata lil Asfaltar Ltd fuq bażi li kienet l-orħos waħda.
Il-Viċi-Sindku issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fl-10.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **t-Tnejn 24 ta' Awwissu, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum it-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2009